**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B** **ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-22 ta' Diċembru 1999**

**dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-*network* tal-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(1999) 4015)*

(2000/96/KE)

(ĠU L 28, 3.2.2000, p. 50)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/534/KE, tas-17 ta' Lulju 2003 li temenda d-Deċiżjoni | L 184 | 35 | 23.7.2003 |
| ►**M2** | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/542/KE, tas-17 ta' Lulju 2003 | L 185 | 55 | 24.7.2003 |

▼B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Diċembru 1999

## dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-*network* tal-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(1999) 4015)*

(2000/96/KE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 li tistabbilixxi *network* għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jittieħed fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(a) sa (e) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, *network* fuq livell tal-Komunitarju għandha tiġi stabbilita biex jippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, bil-għan li ttejjeb il-prevenzjoni u l-kontroll, fil-Komunità, tal-kategoriji ta' mard li jittieħed speċifikat fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Dik in-*network* għandha tintuża għas-sorveljanza epidemoloġika ta' dak il-mard u sabiex tiġi stabbilita sistema ta' twissija u reazzjoni bikrija.

(2) Fir-rigward tas-sorveljanza epidemoloġika, in-*network* għandha tiġi stabbilita billi jingiebu f'komunikazzjoni permanenti bejniethom permezz tal-mezzi tekniċi approprjati kollha l-Kummissjoni u dawk l-istrutturi u/jew awtoritajiet li, fuq il-livell ta' kull Stat Membru u taħt ir-responsabbiltà ta' dak l-Istat Membru, huma kompetenti fuq livell nazzjonali u huma inkarigati bil-ġbir ta' l-informazzjoni relatata mas-sorveljanza epidemoloġika ta' mard li jittieħed.

(3) Il-mard u l-kwistjonijiet ta' saħħa magħżula għar-rapportaġġ minn sorveljanza epidemoloġika fuq livell tal-Komunità għandhom jirriflettu l-ħtiġiet preżenti fil-Komunità, b'mod partikolari l-valur miżjud ta' sorveljanza fuq livell tal-Komunità.

(4) L-elenku ta' mard jew kwistjonijiet ta' saħħa magħżula għal sorveljanza għandhom jinbidlu b'reazzjoni għat-tibdiliet fil-prevalenza tal-mard u b'reazzjoni għat-tfaqqiegħ ta' mard li jittieħed ġdid li jhedded is-saħħa pubblika.

(5) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lin-*network* tal-Komunità bil-mezzi xierqa ta' informazzjoni, waqt li tassigura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà mal-programmi u l-inizjattivi tal-Komunità relevanti.

(6) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar miżuri għall-ħarsien kontra żonożi speċifikati u aġenti żonotiċi speċifikati f'annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali sabiex tipprevieni tfaqqiegħ ta' infezzjonijiet u avvelenamenti miġjuba mill-ikel ([2]), kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 1999/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(7) Din id-Deċiżjoni għandha tħaffef l-integrazzjoni tan-*network* tal-Komunità stabbilita skond id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE b'*networks* ta' twissija rapida oħra mwaqqfa fuq livell nazzjonali jew tal-Komunità għal mard u kwistjonijiet speċjali ta' saħħa li għandhom jiġu rrapportati bis-sistema ta' twissija u reazzjoni rapida. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tagħha, in-*network* tal-Komunità għandha għalhekk taħdem billi tuża s-Sistema ta'

([1]) ĠU L 268, tat-3.10.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 38.
([3]) ĠU L 210, ta' l-10.8.1999, p. 12.

▼B

Sorveljanza tas-Saħħa għal Mard li Jittieħed fi ħdan in-*Network* Ewropea ta' Informazzjoni tas-Saħħa Pubblika (Euphin-HSSCD), li tikkonsisti fi tliet komponenti:

(a) sistema ta' twissija u reazzjoni rapida għal rapporti ta' theddid speċifiku lill-pubbliku trasmessi mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika kompetenti għal kull Stat Membru responsabbli għall-miżuri determinanti li jistgħu jkunu meħtieġa biex iħarsu s-saħħa pubblika;

(b) skambju ta' informazzjoni bejn strutturi akkreditati u awtoritajiet ta' l-Istati Membri relevanti għas-saħħa pubblika;

(ċ) *networks* speċifiċi dwar mard magħżul għal sorveljanza epidemoloġika bejn strutturi akkreditati u awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

(8) L-iżvilipp ta' teknoloġiji utili ġodda għandu jiġi sorveljat kontinwament fuq bażi regolari u jiġi kkunsidrat għat-titjib ta' l-iskambju elettroniku ta' l-informazzjoni.

(9) Għal raġunijiet loġistiċi, mhux il-mard kollu li jittieħed jew il-kwistjonijiet speċjali ta' saħħa magħżula għal sorveljanza epidemoloġika jistgħu jiġu rrapportati minnufih minn arranġamenti dedikati ta' sorveljanza tan-*network*. Minkejja dan, sabiex in-*network* tal-Komunità tista' tibda taħdem u tikseb l-esperjenza, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom ixerrdu fin-*network* tal-Komunità l-informazzjoni relevanti li jkollhom.

(10) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond il-fehma tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru. 2119/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali ta' saħħa li għandhom jiġu rapportati minn sorveljanza epidemoloġika fin-*network* tal-Komunità skond id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE huma elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni. Is-sorveljanza għandha titwettaq b'mod ekonomiku waqt li tikkonsidra n-natura tal-marda, in-*networks* eżistenti u l-valur miżjud tal-Komunità.

*L-Artikolu 2*

Il-kriterji għall-għażla tal-mard u kwistjonijiet speċjali tas-saħħa li għandhom jiġu rraportati mis-sorveljanza epidemoloġika fin-*network* tal-Komunità huma elenkati fl-Anness II.

*L-Artikolu 3*

Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni, in-*network* tal-Komunità għandha fil-bidu taħdem billi tuża s-Sistema ta' Sorveljanza tas-Saħħa għall-Mard li Jittieħed fi ħdan in-*Network* Ewropea ta' Informazzjoni tas-Saħħa Pubblika (Euphin-HSSCD).

*L-Artikolu 4*

►M2 1. ◄ In-*network* tal-Komunità għandha tiġi stabbilita billi jiġu mmodifikati u integrati n-*networks* approprjati u eżistenti ta' sorveljanza appoġġjati mill-Komunità u billi jinbnew *networks* ġodda għal mard li għadu mhuwiex kopert bin-*networks* ta' sorveljanza. Meta għadd żgħir ta' każijiet ta' mard ma jippermettix li *network* ta' sorveljanza dedikata tiġi stabbilita għal dik il-marda, l-informazzjoni ta' sorveljanza ġewwa n-*network* tal-Komunità għandha tiġi kondiviża fuq il-bażi ta' rapporti ta' każijiet.

▼M2

2. Il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa li għalihom ġiet imqiegħda fil-post in-*network* ta' sorveljanza ddedikata huma mmarkati b'asterisk (*) fl-Anness I.

▼M2

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw, permezz ta' l-istrutturi u/jew l-awtoritajiet innominati tagħhom, punt tal-kuntatt għal kull *network* ta' sorveljanza ddedikata, iddelegata sabiex ikun ir-rappreżentant nazzjonali tagħhom sabiex jipprovdu l-informazzjoni u t-tagħrif skond l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE.

Kull wieħed min-*networks* ta' sorveljanza ddedikata jrid tiġbor l-informazzjoni u t-tagħrif rilevanti tas-sorveljanza, irid jiżgura l-kordinament ġewwa l-istruttura, u jrid jikkomunikahom mingħajr dewmien lin-*network* Komunitarju.

In-*network* ta' sorveljanza ddedikata jrid ukoll jipprovdi lin-*network* Komunitarju l-proċeduri tiegħu tal-ħidma, filwaqt li jindirizza għall-inqas is-suġġetti fl-Anness III.

▼B

*L-Artikolu 5*

It-tifsiriet tal-każ, in-natura u t-tip ta' data li għandha tinġabar u tiġi trasmessa kif ukoll il-metodi ta' sorveljanza epidemoloġika u mikrobijoloġika approprjati għandhom jiġu stabbiliti għal kull *network* ta' sorveljanza speċifika integrata fi jew magħmula għan-*network* tal-Komunità. It-tifsiriet tal-każ u l-metodi ta' sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti wkoll għal mard li fuqu l-informazzjoni hija kondiviża bir-rapporti tal-każ biss.

*L-Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom ixerrdu fin-*network* tal-Komunità l-informazzjoni relevanti li jkollhom fil-pussess tagħhom u li tinstab fis-sistema ta' sorveljanza nazzjonali tagħhom fuq mard li jittieħed jew kwistjonijiet speċjali ta' saħħa għal sorveljanza epidemoloġika li ma tkunx għadha inkluża b'arranġamenti ta' *network* ta' sorveljanza dedikati tal-Komunità.

*L-Artikolu 7*

L-informazzjoni relevanti dwar mard li jittieħed u li mhuwiex elenkat fl-Anness I għandha tixxerred man-*network* tal-Komunità, skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, kull meta jinstab li hija meħtieġa sabiex tħares is-saħħa pubblika fil-Komunità.

*L-Artikolu 8*

Meta jiġu stabbiliti *networks* ta' sorveljanza speċifika għal żonożi li għaliha s-sorveljanza ta' każijiet umani hija meħtieġa taħt id-Direttiva 92/117/KEE, dik is-sorveljanza għandha titwettaq skond id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, u din id-data meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/117/KE għandha tkun kompletament disponibbli għal dak l-iskop. Għal dan l-iskop, it-tifsiriet tal-każ u l-metodi ta' sorveljanza għall-mard uman għandhom jiġu stipulati, safejn hu possibbli, b'mod li d-data miġbura sservi wkoll id-Direttiva 92/117/KE.

*L-Artikolu 9*

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'mard ieħor u kwistjonijiet speċjali ta' saħħa li għalihom sorveljanza epidemoloġika fuq livell Komunitarju għandha tiġi żviluppata progressivament fuq il-bażi tal-kriterji elenkati fl-Anness II.

*L-Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.

*L-Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni hija Indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M2**

*L-ANNESS I*

1. **IL-MARD LI JITTIEĦED U L-KWISTJONIJIET SPEĊJALI TAS-SAĦĦA KOPERTI BIN-*NETWORK* KOMUNITARJU KIF RIFERIT FL-ARTIKOLU 1**

1.1. **Rigward il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa elenkati f'dan l-Anness, is-sorveljanza epidemjoloġika ġewwa n-*network* Komunitarju trid titwettaq bil-ġbir u l-analiżi standardizzati ta' l-informazzjoni b'mod li jrid jiġi stabbilit għal kull marda li tittieħed u kwistjoni speċjali tas-saħħa meta jitqiegħdu f'posthom in-*networks* ta' sorveljanza ddedikata.**

2. **IL-MARD**

2.1. **Il-mard li jista' jiġi pprevenut bit-tilqim**

Id-Difterite

L-infezzjonijiet bil-grupp *Haemophilus* ta' l-influwenza B ([1])

L-Influwenza ([1])

Il-Ħożba ([1])

Il-Gattone

Is-Sogħla konvulsiva ([1])

Il-Poljomjelite

Il-Ħożba Ġermaniża

Il-Ġidri

It-Tetanu

2.2. **Il-Mard trasmess sesswalment**

L-Infezzjonijiet tal-Klamidja

L-nfezzjonijiet tal-Gonokokkus

L-Infezzjoni tal-*HIV* ([1])

Is-Sifili

2.3. **L-Epatite virali**

L-Epatite A

L-Epatite B

L-Epatite C

2.4. **Il-mard miġrur mill-ikel u mill-ilma u l-mard ta' oriġini ambjentali**

L-Antraċe

Il-Botuliżmu

Il-Kampilobatterjosi

Il-Kriptosporidjosi

Il-Ġardjasi

L-Infezzjoni bl-*E. coli* Enteroemorraġika ([1])

Il-Leptospirosi

Il-Listerjosi

Is-Salmonellosi ([1])

Ix-Xiġellosi

It-Tossoplasmosi

It-Trikinosi

Il-Jersinosi

([1]) Dak il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa li għalihom ġiet imqiegħda fil-post *network* ta' sorveljanza ddedikata huma mmarkati b'asterisk

▼M2

2.5. **Mard ieħor**

2.5.1. *Il-mard trasmess minn aġenti mhux konvenzjonali*

L-enċefalopatiji spongiformi trasmissibbli, il-marda varjanti ta' Creutz-feld-Jakob ([1])

2.5.2. *Il-mard miġrur mill-arja*

Il-Leġjonellosi ([1])

Il-Marda tal-Meninġikokkus ([1])

L-Infezzjonijiet Pnewmokoċċi

It-Tuberkulosi ([1])

2.5.3. *Iż-Żoonosijiet (għajr dawk elenkati fit-2.4)*

Il-Bruċellosi

L-Ekinokokkosi

Ir-Rabbja

Id-Deni-Q

It-Tularemja

2.5.4. *Mard serju importat*

Il-Kolera

Il-Malarja

Il-Pesta

It-tipi ta' deni virali emorraġiku ([1])

3. **KWISTJONIJIET SPEĊJALI TAS-SAĦĦA**

3.1. **L-Infezzjonijiet nosokomjali**

3.2. **Ir-reżistenza antimikrobjali** ([1])

([1]) Dak il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa li għalihom ġiet imqiegħda fil-post *network* ta' sorveljanza ddedikata huma mmarkati b'asterisk.

▼B

*L-ANNESS II*

**Kriterji għall-għażla ta' mard li jittieħed ta' żoni speċjali li għandhom jiġu inklużi f'sorveljanza epidemoloġika ġewwa n-*network*.**

1. Mard li jikkawża, jew jista' jikkawża suxxettibiltà sinifikanti għall-mard u/jew imwiet mifruxa mal-Komunità, speċjalment fejn il-prevenzjoni tal-mard tkun teħtieġ metodu globali ta' koordinazzjoni.
2. Mard fejn l-iskambju ta' informazzjoni jista' jipprovdi twissija kmieni ta' theddid għas-saħħa pubblika.
3. Mard rari u serju li ma jkunx jintgħaraf fuq livell nazzjonali u fejn il-ġbir ta' data jista' jippermetti t-tfassil ta' ipoteżi minn bażi usa' ta' tagħrif.
4. Mard li għalih huma disponibbli miżuri preventivi effettivi b'kisba ta' saħħa protettiva.
5. Mard li għalih paragun mill-Istati Membri jista' jikkontribwixxi lejn l-evalwazzjoni ta' programmi nazzjonali u tal-Komunità.

▼**M2**

*L-ANNESS III*

**IS-SUĠĠETTI LI JRIDU JIĠU INDIRIZZATI MILL-PROĊEDURI TAL-ĦIDMA TAN-*NETWORKS* TA' SORVELJANZA DDEDIKATA LI JRIDU JIĠU SSOTTOMESSI LIN-*NETWORK* KOMUNITARJU KIF RIFERIT FL-ARTIKOLU 4.2**

1. Il-kordinament ta' l-istruttura u l-proċess tal-għemil tad-deċiżjonijiet.
2. L-amministrazzjoni u s-sorveljanza tal-ġestjoni tal-proġett.
3. Id-definizzjonijiet tal-każijiet, in-natura, u t-tip ta' informazzjoni li trid tinġbar.
4. Il-ġestjoni u l-protezzjoni ta' l-informazzjoni, inklużi l-aċċess għall-informazzjoni u l-kunfidenzjalità tagħha.
5. Il-manjieri li fihom l-informazzjoni tiġi magħmula paragunabbli u kompatibbli (il-ħtiġiet tal-kwalità u l-validazzjoni ta' l-informazzjoni).
6. Il-mezzi tekniċi approprjati u l-proċeduri li bihom l-informazzjoni trid tiġi mxerrda u analizzata fil-livell Komunitarju (it-tixrid u r-rappurtaġġ ta' l-informazzjoni).
7. L-azzjoni proposta tas-saħħa pubblika, il-proċeduri għall-kontroll ta' l-infezzjonijiet, u l-proċeduri tal-laboratorju.